# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 44**

**Avviz numru 574/00/SM**

**The Sound System (Audiovisuals) Limited.**

**vs**

**Carmelo Aquilina u John Vella fil-kapacita' taghhom ta' Sindku u ta' Segretarju Ezekuttiv rispettivament tal-Kunsill Lokali tas-Siggiewi, ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Kunsill Lokali Siggiewi.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' Mejju tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti nomine quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

1. **Ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija hamsa u erbghin lira Maltija, (LM345.00,0), rapprezentanti prezz ta' kiri ta' apparat lilek mikrija mis-socjeta' attrici;**

2. **Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' Marzu, 2000 u bl-imghax kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuti nomine eccepew is-segwenti:**

1. **Illi ghall-ekonomija tal-gudizzju ghandu jigi kjamat in kawza l-Kunsill Lokali, Zebbug, stante illi s-servizz prestat mis-socjeta' attrici saret lil numru ta' Kunsilli fosthom il-Kunsill Lokali, Zebbug;**

2. **Illi bla pregudizzju ghas-suespost is-somma pretiga mis-socjeta' attrici mhix dovuta mill-Kunsill konvenut, izda minn Kumitat kongunt bejn il-Kunsilli tas-Siggiewi, Zebbug, Qormi, Imqabba u Luqa;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-kunsill lokali tas-Siggiewi tramite l-konvenuti krew apparat mis-socjeta' attrici;**

2. **Illi ghalkemm is-socjeta' attrici bghatet il-kont relattiv lill-konvenuti nomine din baqghet ma thallsitx ghall-kera ta' l-apparat in dizamina;**

3. **Illi jirrizulta li l-kont de quo huwa wiehed pjuttost imrahhas stante li tezisti hbiberija bejn wiehed mill-konvenuti nomine u l-"managing director" tas-socjeta' attrici;**

**4. Illi permezz ta' ittra datata l-10 ta' Novembru ta' l-1999 il-kunsill li l-konvenuti nomine jirrapprezentaw infurmaw lis-socjeta' attrici li kien ser jikkonkludi din il-vertenza posittivament u jhallas sa l-ahhar ta' Novembru ta' l-1999;**

**5. Illi stante li dan ma sarx is-socjeta' attrici kienet kostretta tistitwixxi din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm il-konvenuti nomine kellhom diversi opportunitajiet iressqu l-posizzjoni taghhom ghall-attenzjoni ta' din il-qorti, xorta iddesistew;**

**Ghaldaqstant, tilqa' t-tabla attrici u tikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlett mija u hamsa u erbghin Lira Maltin, (LM345.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**